MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru. 49/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**JULIAN CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JULIAN CALLEJA** ta' wiehed u ghoxrin sena, bin Angelo Joseph u Bernarda nee Camilleri, imwieled Victoria fid-19 ta' Ottubru, 1983 u residenti fil-fond Flat 2, Tony's Flats, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 4584G gie mressaq quddiemha akkuzat talli;

1. Matul il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni BAK 704 ghad-dannu ta'

Carmelo Mercieca liema serq aggravate bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;

2. Matul il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Ottubru, 2004, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Lm400 ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca;

3. Matul il-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' diversi affarijiet mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAK 704 ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-valur, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;

4. Matul il-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' vettura tat-tip Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni BAK 601, ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;

5. Matul il-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru, 2004, volontarjamet hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Lm80 ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca;

6. Matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni CAK 761, ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruq;

7. Matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru, 2004, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Lm80 ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca;

8. Matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' diversi affarijiet mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAK 761, ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-hin, lok u xorta tal-haga misruqa;

9. Fid-29 ta' Lulju, 2003, ikkommeta serq ta' vettura tat-tip Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni KAK 174 ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;

10. Matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' Ottubru, u l-1 ta' Novembru, 2004, ikkommetta serq ta' diversi affarijiet mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAL 425 ghad-dannu

ta’ Marcel Bonello, liema serq hu aggravat bil-lok, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

11. Matul il-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Ottubru, u l-1 ta’ Novembru, 2004, ikkommetta serq ta’ divesi affarijiet mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAK 149, ghad-dannu ta’ Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-lok, hin u xorta tal-haga misruqa;

12. Matul il-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Ottubru, u l-1 ta’ Novembru, 2004, ikkommetta serq ta’ divesi affarijiet mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JBC 496, ghad-dannu ta’ Clint Griscti, liema serq hu aggravat bil-lok, hin u xorta tal-haga misruqa;

13. Matul il-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Novembru, 2004, ikkommetta serq ta’ divesi affarijiet mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JBF 706, ghad-dannu ta’ Justin Vella, liema serq hu aggravat bil-lok, valur li jeccedi l-elf lira, hin u xorta tal-haga misruqa;

14. Matul il-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Novembru, 2004, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Lm 526 ghad-dannu ta’ Justin Vella;

15. Mid-29 ta’ Lulju, 2003 sal-15 ta’ Novembru, 2004, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

16. Fil-15 ta’ Novembru, 2004 u fix-xhur ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

17. Fil-15 ta’ Novembru, 2004 u fix-xhur ta’ qabel zamm jew garr sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni ta’ l-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghruf bhala “flick knife” jew “flick gun”.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 17 ta’ Jannar, 2005 a fol 62 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ta' l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan waqt is-seduta tat-12 ta' April, 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-12 ta' April, 2005. Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnax ta' April, 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati fuq l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tat-12 ta' April, 2005 b'mod partikolari lid-difiza tghid illi l-Qorti ghandha tkun klementi mal-imputat minhabba l-ammissjoni bikrija tieghu, u ghalhekk m'ghandix timponi piena karcerarja izda timponi piena pekunjarja filwaqt li l-Prosekuzzjoni tghid illi l-Qorti ghandha tkun severa mieghu peress illi l-imputat ikkommetta diversi serqiet f'qasir zmien. Id-difiza ukoll irrilevat illi peress li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa, il-Qorti m'ghandix tibghat lill-imputat il-habs u fil-fatt ghamlet ukoll referenza ghal xi sentenzi ohrajn fejn dik il-Qorti kienet laqghet dik il-lanjanza.

Il-Qorti thoss illi ghalkemm huwa principju illi min jammetti l-akkuzi ghandu jkollu riduzzjoni fil-piena, u dan ghaliex huwa attwalment ikun qieghed jghin l-amministrazzjoni tal-Gustizzja tekonomizza fil-hin u fl-isforzi taghha pero' attwalment dak li jkun qed jaghmel hu li jirrimetti ruhu f'idejn il-Qorti ghal dik li hija sentenza. Il-Qorti thoss illi paraguni f'kawzi kriminali huma xi ftit jew wisq dejjem odjuzi, specjalment meta jkunu mibnija fuq il-premessa tal-identita` fil-mertu. Il-process kriminali jinvolvi hafna iktar mill-mertu kif hu risaput u senjatament jidhlu in konsiderazzjoni aspetti ta' natura personali ghal dik li hija piena kif ukoll cirkostanzi ohra li jistghu jirreferu ghal

*modus agendi* kif ukoll ghal koperazzjoni tal-akkuzat. Ghalhekk huwa kontro indikat li jingiebu paraguni ma kawzi ohra li huma kompletament estraneji ghal dan u jigu akkampati argumenti fuqhom.

Kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Salah Di Ali Agowi deciza nhar it-28 ta' Frar, 2002 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali** li min jikkolaborha mal-Pulizija wara li jinqabad u jammetti l-htija tieghu fi stadju bikri tal-process ma jehilsux mill-htija u mill-konsegwenzi tal-istess htija. Dan qed jinghad ghaliex mill-istqarrija li rrilaxxja l-imputat stess, rrizulta l-ammissjoni tal-imputat ghal dak li ghamel bid-dettalji kollha tal-kaz u li fuq din l-istess stqarrija, l-istess Prosekuzzjoni harget l-akkuzi taghha.

Illi dwar is-suggeriment tad-difiza illi din il-Qorti ghandha timponi piena pekunjarja, hija taghmel referenza ghaz-zewg sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali u cioe` dik mghotija nhar l-4 ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ryan Dimech** u dik aktar ricenti mghotija fl-14 ta' April, 2005 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony sive Twanny Frendo** fejn gie rilevat li f'kawzi ta' delitti ta' serq, piena pekunjarja; *"minflok trazzan il-vizzju tas-serq, tista' tkun kontro producenti billi adirittura tista' tistiga lill-hati li jirrikorri ghal serq iehor biex isib il-mezzi kif ihallas tali piena pekunjarja".* Inoltre din il-Qorti tirrileva illi sabiex hija tapplika piena pekunjarja irid jirrizultalha mill-process li hemm ragunijiet specjali u straordinarji li skond l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligjijiet ta' Malta, jaghmluha possibbli li l-Qorti tinzel taht il-minimu preskritt mill-ligi. Il-fatt li d-difiza sostniet illi l-imputat illum il-gurnata qed jghix hajja ordinata (ghaliex mill-process, dan ma giex ippruvat) mhu qed jaghmel xejn specjali u straordinarju u differenti mill-maggoranza skjaccanti tal-poplu. Il-fatt ukoll li qalet id-difiza li l-imputat qed jipprova jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittmi ta' dan il-kaz ukoll ma giex ippruvat mill-process u ghalhekk zgur li tali allegazzjoni maghmula mid-difiza ma tistax tigi konsidrata bhala raguni specjali u straordinarja kif kontemplata fl-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti thoss illi l-imputat li ghad ghandu wiehed u ghoxrin sena qabad it-triq tal-kriminalita` u dan ghaliex gie akkuzat b'numru kbir ta' akkuzi ta' serq fil-konfront ta' persuni differenti u talli volontarjament ghamel hsara fil-proprjeta` tal-istess terzi u dana bejn l-10 ta' Ottubru, 2004 u l-hmistax ta' Novembru, 2004 u cioe` fi zmien daqshekk qasir ta' ftit aktar minn xahar. Il-Qorti ma tistax tippermetti jew taghti messagg lis-socjeta` li imputat li jammetti akkuza tkun li tkun tfisser li ma jistax jintbghat il-habs. Ir-reati in kwistjoni huma serji u l-effetti fuq is-socjeta` huma sahansitra ikbar ghaliex il-vittmi lanqas gew ikkumpensati ghad-danni sofferti minnhom.

Illi ma jirrizultax mill-atti li b'xi mod l-imputat biddel hajjtu jew ghamel xi sforz sabiex jibda fit-triq it-tajba u jzomm il-boghod mit-triq tal-kriminalita` u huwa ghalhekk li din il-Qorti thoss illi ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena billi timponi piena karcerarja.

Din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull minn deher quddiemha bhala imputat li kellu xi problema serja u dan bil-ghan biex tghinu biex johrog minn kwalunkwe problema li jista jkollu. Illi pero f'din il-kawza ma jirrizultax illi l-imputat kellu xi problemi ohra salv li huwa kleptomanijaku u fl-ebda hin ma huwa talab l-assistenza tal-Qorti sabiex din il-problema tigi indirizzata.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261 (e) (f) (g), 269, 270, 271, 278, 279, 281, 325, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 (1) u 13 (1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat JULIAN CALLEJA <u>hati</u> tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u sahansitra ammessi minnu u tikkundannah komplessivament piena karcerarja ta' tlett snin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------